

Brussell, 26 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14051/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0336(NLE)**

**ACP 98
FIN 1039
PTOM 18**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	13916/23 + ADD 1 - COM(2023) 553 final
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament ta' dak il-fond li jispeċifika l-limitu massimu għall-2025, l-ammont annwali għall-2024, l-ammont tal-ewwel pagament parzjali għall-2024 u previżjoni indikattiva u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2026 u 2027 - Adozzjoni

1. Fil-6 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament ta' dak il-fond li jispeċifika l-limitu massimu għall-2025, l-ammont annwali għall-2024, l-ammont tal-ewwel pagament parzjali għall-2024 u previżjoni indikattiva u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2026 u 2027¹.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP eżamina l-proposta tal-Kummissjoni u laħaq qbil fil-livell tiegħu dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fl-10 ta' Ottubru 2023.

¹ 13916/23 + ADD 1.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mitlub jirrakkomanda li l-Kunsill, bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu:
- jadotta d-Deċiżjoni, kif tinsab fid-dokument 14049/23, wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti, billi jaġixxi bil-maġġoranza kwalifikata prevista fl-Artikolu 8 tal-Ftehim Intern applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp²;
 - jordna l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali.
-

² ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1.